# L-GĦARAJJES TAGĦNA

Bl-għajnuna t'Alla, nhar is-Sibt 24 ta' Settembru se nibdew il-laqgħat għall-għarajjes li se jiżżewġu fis-snin li ġejjin.



Il-laqgħa ssir fis-7:30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Iż-żgħażagħ tal-lum xortihom tajba għaliex għandhom l-opportunità li jirċievu formazzjoni fuq il-ħajja taż-żwieġ, fuq medda ta' sentejn. Kull min ħa sehem f'dawn il-laqgħat kellu kliem ta' tifħir u ta' ħajr għax dawn ħadu tagħlim li issa qed jgħinhom fil-ħajja tagħhom.
Kulħadd jaf li fil-familja l-affarijiet jimxu għall-aħjar jekk wieħed jinvesti bil-ħin, bit-tagħlim u b'eżerċizzji biex intejbu l-karattru tagħna. Dan il-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ għandu l-għan li jgħin lill-għarajjes jirrelataw tajjeb ma' xulxin, mal-membri l-oħrajn tal-familja u ma' Ġesù li f'jum it-tieġ jirċievu l-barka tiegħU.

***L-Arċipriet***

**GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA MATUL IX-XAHAR TA' SETTEMBRU**

It-Tlieta 20 ta' Settembru mis-1:00pm sal-5:00pm
Il-Ħadd 25 ta' Settembru mit-8:00am sas-1:00pm

*Il-karta tal-identità u l-maskra huma meħtieġa.*



Il-gvern lokali ta' Seoul fil-Korea t'Isfel, bi ftehim mal-Arċidjoċesi ta' Seoul, ħawwal 5,000 siġra fil-pjazza Gwanghwamun. Papa Franġisku bbeatifika 124 martri fl-2014, f'din l-istess pjazza.

**AVVIŻI:**

**IL-PURĊISSJONI TAD-DULURI:** toħroġ dan il-Ħadd, 18 ta' Settembru, wara l-quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd huwa mistieden għal dan il-mument ta' talb.

**LAQGĦA FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 21 ta' Settembru, fil-Knisja Bażilika u tibda fis-6:15pm. Fiha Mons. Ġwann Bartolo, mix-Xagħra, se jaqsam magħna l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.*

**FESTA TA' SAN PIJU:** nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru. Fil-5:30pm jkun hemm l-Adorazzjoni bir-Rużarju. Fis-6:00pm purċissjoni bl-istatwa u fis-7:00pm Konċelebrazzjoni mill-Provinċjal. Dan kollu fil-knisja tal-Kapuċċini r-Rabat. Kulħadd huwa mistieden.

**LAQGĦAT GĦAR-ROMOL:** se jibdew f'Ottubru li ġej, waħda fix-xahar. L-ewwel laqgħa se ssir fis-Sala Parrokkjali nhar is-17 t'Ottubru fis-6:00pm. Mons. Ġużeppi Attard se janima dawn il-laqgħat. Nitolbu lil dawk li jitħajru jattendu sabiex jagħtu isimhom lil Tonina Vella fl-Uffiċċju Parrokkjali jew lil Antonia Sammut.

**L-ARKIVJU PARROKKJALI:** dawk li jkunu jridu jiksbu tagħrif mill-arkivju parrokkjali, liema tagħrif ikun jirrikjedi riċerka speċjali, għandhom jagħmlu t-talba tagħhom lil Daniel Meilak fuq dan l-indirizz elettroniku: nadurparisharchive@gmail.com

**IL-KUMITAT TAL-BANDA** javża li ser jorganizza:

- tombla kbira nhar l-Erbgħa 21 ta' Settembru quddiem il-Każin tal-Banda. Tibda fis-7:30pm. Il-kbira se tkun €500.
- ġita ta' jum għal Sqallija, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru. Fiha se nżuru Taormina u Centro Sicilia - Primark. Biljetti tal-kbar €100 u tfal taħt it-tnax-il sena €75. Għall-booking ċemplu fuq 79704840, 79270074 jew 99829780.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am